# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Joseph Mercieca]

## vs

## Rami Mursel Salama Jarboua

**Kumpilazzjoni Numru: 3/17**

**Illum, 6 ta’ Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rami Mursel Salama Jarboua detentur tal-karta tal-identita` numru 38560A.

Akkuzat talli nhar it-18 ta’ Dicembru 2016, ghall-habta tas-1.30 a.m., gewwa il-Footloose Fun Bar, fi Triq San Gorg (Paceville), San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta’ *mobile phone* tal-marka *Iphone 6*, minn fuq il-persuna ta’ Yasmine Marie Spiteri, ta’ 19-il sena, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin u li sar ghad-dannu tal-istess Yasmine Marie Spiteri u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita` u/jew entitajiet ohra;
2. F’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, cioe` *mobile phone* tal-marka *Iphone 6*, li jiswa madwar sitt mitt Ewro (€600), sew jekk dan ir-reat sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih; u
3. Finalment, talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 4 ta’ Gunju 2013, moghtija mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza saret definittiva.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Semghet il-provi.

Stante li l-ewwel akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni u stante illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li kien hemm l-addebitu tar-recediva din kienet biss reat li jikkoncerna traffiku.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 270, 279(a), 281(a) u 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat Rami Mursel Salama Jarboua hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**